MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2008

Mandat Numru. 1923/2008/1

Joseph Schembri [I.D. 6968(M)] u Sharon Schembri [I.D. 369472(M)]
vs
Saviour sive Sammy Attard [I.D. 28370 (M)] u Bridget Attard [I.D. 132172(M)]

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;
Rat ir-risposta;
Rat l-artikoli tal-ligi u senjatament l-art 829 et tal-Kap 12, l-artikoli 829 sa 838A dwar id Disposizzjonijiet Generali, u 873 sa 877 dwar il-Mandat ta’ Inibizzjoni;

Illi tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista’ jigi spedit il-mandat in kwistjoni:

1. Li l-intimat qieghed jaghmel xi haga li tista’ tkun tkun ta’ hsara jew molestja lir-rikorrent;

2. Li jkun jidher *“prima facie”* li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jaghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara;
3. Li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

Hu necessarju fil-kaz in ezami li wiehed jelenka kif graw il-fatti precedenti. Ir-rikorrenti kien intavola l-ewwel Mandat ta’ Inibizzjoni, 966/08, izda dan kien gie cedut mir-rikorrenti Schembri. In segwitu l-imsemmi Schembri intavola rikors ghal mandat iehor ta’ inibizzjoni, u cioe` 984/08, liema mandat kien intalab l-estensjoni tieghu ghal darbtejn u finalment akkordat, u dwar liema l-intimati talbu li jattakkaw il-validita` tieghu. Dan ghamluh fuq erba’ aspetti, izda l-Qorti diversament presjeduta kienet laqghet it-talba biss fuq l-aspett li fil-mandat ma jidhirx x’inhu d-dejn imhares bl-istess mandat u iddikjarat in-nullita` a bazi ta’ l-artikoli 831(3), 876A u 789 (1)(a) tal-Kap 12. Il-Qorti kienet semmiet li huwa mehtieg li jkun maghruf in-natura tad-dejn fil-mandat u dan wara li ezaminat b’mod specjali l-artikolu 831(2) u dwar x’ghandu jigi dikjarat bil-gurament, l-origini u x-xorta tal-kreditu u l-pretensjoni. Naturalment din il-Qorti mhux ser tikkummenta dwar dik id-decizjoni.

Illum gie intavolat rikors gdid u cioe` il-1923/08. Illi minn ezami tar-risposta ta’ l-intimati Attard, wara li gie ezaminat kronologikament il-fatti relativi ghall-mandati u l-implikazzjonijiet taghhom, l-intimati issollevaw zewg aspetti u cioe` dak li ma jistax isir mandat iehor dwar dawn il-fatti u sekondarjament il-formola uzata ghal dan il-mandat. L-intimati sostnew dak imsemmi fl-artikolu 836(5) tal-Kap 12 u li m’ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet u li tali digriet ikun finali u irrevokabbli. Isemmi wkoll li barra l-kaz kontemplat fis-subartikolu 1(a) ebda att kawtelatorju bhal dak ma jista’ jinhareg biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun hareg, u dana sakemm ma jkunux inqalghu cirkostanzi godda bid-dikjarazzjoni appozita. L-intimati sostnew li dak li qed jitlob ir-rikorrent bil-mandat 1923/08 huwa identiku ghan-984/08. Id-dikjarazzjoni ma saritx u ghalhekk l-intimati jsostnu li l-hrug tal-mandat ma setax isir.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-intimati ghax fil-fatt id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Novembru 2008 iddikjarat in-nullita` ta' l-istess minhabba r-raguni fuq imsemmija dwar in-nuqqas ta' dikjarazzjoni tan-natura tad-dejn. Jekk tali mandat kien null ma seta' qatt jipproduci effett u ghalhekk mhux il-kaz li wiehed iqis l-applikazzjoni ta' l-artikolu 836(5). Ghalhekk din il-parti tar-risposta qed tigi michuda.

Izda l-intimati fl-ahhar parti tan-nota taghhom iddistingwew l-erba' tipi ta' Mandat ta' Inibizzjoni u cioe` dak generali taht l-artikolu 873, dak aljenatorju a bazi ta' l-artikolu 874, dak in segwitu ta' kawza ta' separazzjoni a bazi ta' l-artikolu 876, u dak biex izzomm persuna milli tiehu minuri barra minn Malta a bazi ta' l-artikolu 877.

Sewwa jsostnu l-intimati li dak kontemplat fil-kaz in ezami jirrelata ghal inibizzjoni aljenatorja u cioe` biex izomm lill-intimati milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu b'titolu oneruz …

Issa l-kapitolu 12 jaghmel tassattiv il-mod procedurali taht diversi aspetti u fl-artikolu 1007(1) jinghad:
"(1) Fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skond il-formuli migjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici."

Ukoll l-artikolu 831(1) jghid hekk:
"(1) It-talba ghall-hrug ta' xi wiehed mill-mandati hawn fuq imsemmija ssir b'rikors imhejji mar-rikorrent fuq il-formula stabbilita."

Issa l-artikolu 876A jipprovdi li:
"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 829 sa 844 jghoddu ghall-mandat ta' inibizzjoni."

L-iskeda B tal-Kap 12 tistabbilixxi l-formoli li ghandhom jintuzaw ghad-diversi atti, inkluz mandat ta' inibizzjoni u cioe` l-formola 21 li tipprovdi biex izzomm lill-intimati milli (u hawn wiehed ghandu jikteb il-hwejjeg li jrid li jigi mizmum milli jaghmel), li hija a bazi ta' l-artikolu 873. Il-

formola li ghandha tintuza mal-Mandat ta' Inibizzjoni ai termini ta' l-artikolu 874 (biex kreditur jizgura l-hlas ta' dejn jew pretensjoni ohra u b'hekk izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi) hija dik bin-numru 25 fl-iskeda B tal-Kap 12. Il-formola 21 tipprovdi ordni lill-Marixxall biex izomm lill-intimat milli jaghmel hwejjeg imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta' hsara ghar-rikorrent taht il-pieni li thedded il-ligi ghal min jonqos. Il-formola 25 tipprovdi ordni lill-Marixxall biex izomm lill-intimat milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruz jew gratujtu kull proprjeta`.

Issa l-formola uzata min Schembri, ir-rikorrent odjern, hija dik 21, waqt li t-talba tieghu hija biex izomm lill-intimati milli jbieghu, inehhu jew jittrasferixxu…, u ghalhekk mhix il-formola appozita bi ksur ta' l-artikolu 1007 tal-Kap 12.

Ghal din ir-raguni l-Qorti tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Tirrevoka d-digriet provvizorju ta' l-4 ta' Dicembru 2008.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------